# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 323

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

19 ta’ Diċembru 2018

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2016 tat-18 ta’ Diċembru 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** [1] ..................... 1

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2017 tat-18 ta’ Diċembru 2018 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470** [1] ..................... 4

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta’ Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta’ pjanti b’riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ............... 7

★ **Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta’ Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta’ pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta’ riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta’ pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta’ dak ir-Regolament** ............ 10

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2020 tal-4 ta’ Diċembru 2018 li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b’reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 2018** ............ 16

(1) Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2021 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/348 fir-rigward tal-konsistenza tal-miri reveduti fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kostefficjenza inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali emendati li ppreżentaw il-Portugall u r-Rumanija** *(notifikata bid-dokument C(2018) 8489)* (1) ........ 18

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2022 tas-17 ta' Diċembru 2018 li tfassal lista ta' esperti kwalifikati għall-Bordijiet tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji** *(notifikata bid-dokument C(2018) 8561)* ........ 29

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2023 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 li tiddetermina, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, il-valuri ta' referenza fir-rigward tal-valuri ta' referenza għall-perjodu mit-30 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-produtturi jew għall-importaturi stabbiliti fir-Renju Unit, li qiegħdu l-idrofluworokarburi legalment fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrappurtat fil-qafas ta' dak ir-Regolament** *(notifikata bid-dokument C(2018) 8801)* ........ 32

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2016

**tat-18 ta' Diċembru 2018**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat imniżżel fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni. L-ikel tradizzjonali minn pajjiż terz huwa ikel ġdid iddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(2) Bi qbil mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel tradizzjonali minn pajjiż terz.

(4) Fit-23 ta' Jannar 2018, il-kumpanija Obà Food Srl. ("l-applikant") ippreżentat notifika lill-Kummissjoni li kienet biħsiebha tqiegħed iż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf ("Fonio") fis-suq tal-Unjoni bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont it-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant qed jitlob li ż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf tiġi kkunsmata mill-popolazzjoni ġenerali fil-forma naturali tagħha, inkella bħala ingredjent tal-ikel.

(5) Id-*data* ddokumentata ppreżentata mill-applikant turi li ż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf fl-istorja hija ikel sikur fil-pajjiżi fl-Afrika tal-Punent, b'mod partikolari fil-Ginea, fin-Niġerja, u fil-Mali.

(6) Bi qbil mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fit-28 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni bagħtet in-notifika valida lill-Istati Membri u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(7) Ma tressqux oġġezzjonijiet debitament motivati b'rabta mas-sigurtà għat-tqegħid taż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf fis-suq fl-Unjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-Awtorità fil-perjodu ta' erba' xhur stabbilit fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tawtorizza t-tqegħid fis-suq fl-Unjoni taż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf u taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Iż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf kif speċifikata fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

| L-ikel il-ġdid awtorizzat | Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn | Rekwiżiti oħrajn |
|---|---|---|---|
| "Iż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf<br>(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz) | Mhux speċifikat | Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'żerriegħa mqaxxra tal-fonio (*Digitaria exilis*)'" | |

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| L-Ikel il-Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| "Iż-żerriegħa mqaxxra tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf (fonio)<br>(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz) | **Deskrizzjoni/Definizzjoni**<br>L-ikel tradizzjonali huwa ż-żerriegħa mqaxxra (bin-nuħħala mneħħija) tad-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf.<br>Id-*Digitaria exilis* (Kippist) Stapf hija pjanta annwali erbaċea tal-familja *Poaceae*.<br>**Il-komponenti nutrittivi tipiċi taż-żerriegħa mqaxxra tal-fonio**<br>Karboidrati: 76,1 g/100 g ta' fonio<br>Ilma: 12,4 g/100 g ta' fonio<br>Proteina: 6,9 g/100 g ta' fonio<br>Xaħam: 1,2 g/100 g ta' fonio<br>Fibra: 2,2 g/100 g ta' fonio<br>Rmied: 1,2 g/100 g ta' fonio<br>Kontenut ta' fitat: ≤ 2,1 mg/g" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2017**

**tat-18 ta' Diċembru 2018**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat imniżżel fil-lista tal-Unjoni biss jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni. L-ikel tradizzjonali minn pajjiż terz huwa ikel ġdid iddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(2) Bi qbil mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat.

(3) Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2015/2283, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni u dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' ikel tradizzjonali minn pajjiż terz. Fil-5 ta' April 2018, il-kumpanija Sorghum Zrt. ("l-applikant") ippreżentat notifika lill-Kummissjoni li kienet biħsiebha tqiegħed il-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench fis-suq tal-Unjoni bħala ikel tradizzjonali minn pajjiż terz skont it-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2015/2283. L-applikant qed jitlob li l-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench jiġi kkunsmat mill-popolazzjoni ġenerali fil-forma naturali tiegħu, inkella bħala ingredjent tal-ikel.

(4) Id-*data* ddokumentata ppreżentata mill-applikant turi li l-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench għandu storja ta' użu sikur bħala ikel fl-Istati Uniti.

(5) Bi qbil mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fit-30 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet in-notifika valida lill-Istati Membri u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità").

(6) Ma tressqux oġġezzjonijiet debitament motivati b'rabta mas-sigurtà għat-tqegħid tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench fis-suq fl-Unjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri jew mill-Awtorità fil-perjodu ta' erba' xhur stabbilit fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tawtorizza t-tqegħid fis-suq fl-Unjoni tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench u taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jiddaħħal fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat) f'ordni alfabetika:

| L-ikel il-ġdid awtorizzat | Il-kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel il-ġdid | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi oħrajn | Rekwiżiti oħrajn |
|---|---|---|---|
| "Il-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench<br>(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz) | Mhux speċifikat | Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun "Ġulepp tas-Sorghum (*Sorghum bicolor*)"." | |

(2) L-entrata li ġejja tiddaħħal fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) f'ordni alfabetika:

| L-Ikel il-Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjonijiet |
|---|---|
| "Il-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench.<br>(Ikel tradizzjonali minn pajjiż terz) | **Deskrizzjoni/Definizzjoni**<br>L-ikel tradizzjonali huwa l-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench (tal-ġeneru *Sorghum*; tal-familja *Poaceae* (alt. *Gramineae*)).<br>Il-ġulepp jinkiseb miz-zkuk tas-*S. bicolor,* wara li jsiru l-proċessi tal-produzzjoni bħat-tgħaffiġ, l-estrazzjoni u l-evaporazzjoni li tinkludi trattament bis-sħana biex jinkiseb ġulepp b'minimu ta' 74 Brix<br>**Id-*data* dwar il-kompożizzjoni tal-ġulepp tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench**<br>Ilma: 22,7 g/100 g<br>Rmied: 2,4<br>Total ta' żokkor: > 74,0 g/100 g" |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2018**

**tat-18 ta' Diċembru 2018**

**li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(6) tiegħu,

Billi:

(1) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 titwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli u abbażi tal-ipproċessar fil-waqt tad-dossiers tekniċi.

(2) Sabiex dik il-valutazzjoni tar-riskju titwettaq, jenħtieġ li titressaq applikazzjoni lill-Kummissjoni biss mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti, fis-sens tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti, tal-pajjiż terz. Dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li l-elementi kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju assoċjat mal-pjanti, il-prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra li jridu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni, huma ċertifikati mill-awtorità uffiċjali tal-pajjiż terz. Dan ikun meħtieġ għall-kredibbiltà u għall-ġustifikazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju bħala bażi tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031. Dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li tissottometti talbiet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li toħroġ opinjonijiet xjentifiċi skont l-Artikoli 29 u tipprovdi għajnuna xjentifika jew teknika skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill ([2]).

(3) Id-dossier tekniku jenħtieġ ikun fih id-data dwar il-prodotti li jridu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll d-data dwar l-identifikazzjoni tal-pesti li huma potenzjalment assoċjati mal-komodità fil-pajjiż esportatur, id-data dwar miżuri nazzjonali ta' mitigazzjoni fitosanitarji, spezzjonijiet u trattamenti u pproċessar tal-komodità bażika u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna fiżika responsabbli milli tikkomunika mal-Kummissjoni u l-EFSA. Dan it-tip ta' data hu indispensabbli sabiex titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-komodità u biex tiġi identifikata l-ispeċi tal-pesti li għaliha jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' miżuri ta' mitigazzjoni fitosanitarji.

(4) Sabiex l-EFSA jingħatawlha l-elementi neċessarji kollha biex twettaq il-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li d-dossier tekniku jkun fih l-informazzjoni speċifikata fid-dokument tal-EFSA intitolat "Information required for dossiers to support demands for import of high risk plants, plant products and other objects as foreseen in Article 42 of Regulation (UE) 2016/2031 ([3])".

(5) Huwa xieraq li, wara li tirrikonoxxi li tkun irċeviet id-dossier tekniku, il-Kummissjoni teżamina jekk ikunx fih l-informazzjoni meħtieġa u, fejn meħtieġ, tista' titlob għal aktar informazzjoni jew kjarifiki sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni jkun fiha l-elementi kollha meħtieġa u xierqa għall-valutazzjoni tar-riskju.

(6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju mill-EFSA, il-komunikazzjoni tagħha mal-applikant u l-pubblikazzjoni ta' dik il-valutazzjoni, sabiex tiġi żgurata proċedura trasparenti, effiċjenti u proċess tal-valutazzjoni tar-riskju f'waqtu.

(7) Sabiex jiġi evitat li l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni jagħmel ħsara lill-pożizzjoni kompetittiva ta' ċerti partijiet terzi, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 japplikaw kif meħtieġ.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.
([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([3]) European Food Safety Authority (EFSA), Dehnen-Schmutz K, Jaques Miret JA, Jeger M, Potting R, Corini A, Simone G, Kozelska S, Munoz Guajardo I, Stancanelli G u Gardi C, 2018. *Information required for dossiers to support demands for import of high risk plants, plant products and other objects as foreseen in Article 42 of Regulation (UE) 2016/2031*. EFSA supporting publication 2018:EN-1492, 22pp. doi:10.2903/sp.efsa.2018.1492

(8) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data bħar-Regolament (UE) 2016/2031.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju previsti skont l-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 bil-għan li jiġi żgurat li tali valutazzjoni titwettaq f'perjodu ta' żmien raġonevoli u abbażi ta' domanda għall-importazzjoni akkumpanjata mid-dossier tekniku komprensiv u soġġett għal proċess definit.

*Artikolu 2*

**Preżentazzjoni tad-dossiers tekniċi**

Dossier tekniku għat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031, jista' jitressaq biss lill-Kummissjoni minn Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ta' pajjiż terz.

Id-dossier tekniku għandu jkun akkumpanjat minn elementi li jindikaw li teżisti domanda għall-importazzjoni fis-sens tal-Artikolu 42(5) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

*Artikolu 3*

**Kontenut tad-dossier tekniku**

Id-dossier tekniku għandu jkun fih għal kull pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġetti oħra kollha mill-elementi li ġejjin:

(a) l-informazzjoni dwar il-komodità, inklużi t-trattamenti u l-ipproċessar tal-komodità;

(b) l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-pesti li huma potenzjalment assoċjati mal-komodità fil-pajjiż tal-esportazzjoni;

(c) l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni fitosanitarji u spezzjonijiet;

(d) id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tal-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-pajjiż terz responsabbli milli tikkomunika mal-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).

Id-dossier tekniku għandu jkun fih ukoll l-elementi kollha msemmija fid-dokument intitolat "Information required for dossiers to support demands for import of high risk plants, plant products and other objects as foreseen in Article 42 of Regulation (UE) 2016/2031".

L-applikant jista' jindika l-informazzjoni, li l-kxif tagħha jista' jkun ta' ħsara għall-pożizzjoni kompetittiva ta' ċerta parti terza u li għalhekk jenħtieġ li titqies bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. Għandha tingħata ġustifikazzjoni li tista' tiġi vverifikata f'każijiet bħal dawn.

Id-dossier jitressaq f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

**Id-dossier tekniku jasal għand il-Kummissjoni u teżaminah**

Il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi li tkun irċeviet id-dossier tekniku.

Hija għandha teżamina jekk id-dossier tekniku fihx l-informazzjoni deskritta fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3, u tista' titlob lill-applikant għal aktar informazzjoni jew kjarifiki, kif meħtieġ skont il-kontenut u s-suġġett ta' dan id-dossier tekniku.

Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk ir-rekwiżiti ġew sodisfati, hi għandha tibgħat id-dossier tekniku lill-EFSA u tinforma lill-Istati Membri b'dan.

*Artikolu 5*

**Twettiq u tlestija tal-valutazzjoni tar-riskju**

L-EFSA għandha tivverifika li d-dossier tekniku jikkonforma mad-dokument tagħha msemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, u tista' titlob lill-applikant għal aktar informazzjoni jew kjarifiki, kif meħtieġ skont il-kontenut u s-suġġett tad-dossier tekniku.

Wara dik il-verifika, l-EFSA għandha tipproċedi bil-valutazzjoni tar-riskju.

Matul it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju, l-EFSA tista' tikkomunika b'mod dirett mal-applikant biex titlob aktar informazzjoni jew kjarifiki.

L-EFSA għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar kull komunikazzjoni mal-applikant.

L-EFSA għandha tlesti l-valutazzjoni tar-riskju f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u tippreżentaha lill-Kummissjoni. L-EFSA għandha tippubblika l-valutazzjoni tar-riskju fil-Ġurnal tal-EFSA.

Abbażi ta' dik il-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha, skont il-ħtieġa, timmodifika l-lista tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti b'riskju għoli oħra msemmija, fl-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031 skont l-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

*Artikolu 6*

**Kunfidenzjalità**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant għandhom japplikaw kif inhu xieraq.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2019

## tat-18 ta' Diċembru 2018

## li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 42(3) u 73 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 42(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031, fuq il-bażi ta' valutazzjoni preliminari, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw b'mod proviżorju pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra b'riskju għoli li jippreżentaw riskju ta' pesti ta' livell inaċċettabbli għat-territorju tal-Unjoni.

(2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament (UE) 2016/2031, twettqu diversi valutazzjonijiet preliminari rigward jekk pjanti u prodotti tal-pjanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi jippreżentawx xi riskju ta' pesti ta' livell inaċċettabbli għat-territorju tal-Unjoni. Dawk il-valutazzjonijiet ikkonkludew li billi ċerti pjanti u prodotti tal-pjanti jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji stabbiliti fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, dawn jistgħu jikkwalifikaw bħala "pjanti b'riskju għoli" jew "prodotti tal-pjanti b'riskju għoli" fis-sens tal-Artikolu 42 ta' dak ir-Regolament. L-istess valutazzjonijiet preliminari tar-riskju kkonkludew ukoll li ż-żrieragħ u l-materjal *in vitro* ta' dawk il-"pjanti b'riskju għoli" jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi l-livell ta' riskju ta' pesti jinsab f'livell aċċettabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li pjanti tal-injam imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali intiżi għat-tħawwil jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi l-importazzjoni tagħhom hija soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi skont id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([2]) li jnaqqsu r-riskju ta' pesti għal livell aċċettabbli u hija suġġetta wkoll għar-rekwiżiti speċjali tal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2016/2031 mill-14 ta' Diċembru 2019.

(3) Il-pjanti għat-tħawwil, minbarra ż-żrieragħ, il-materjal *in-vitro* u l-pjanti tal-injam imċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil tal-*Acacia* Mill., *Acer* L., *Albizia* Durazz., *Alnus* Mill., *Annona* L., *Bauhinia* L., *Berberis* L., *Betula* L., *Caesalpinia* L., *Cassia* L., *Castanea* Mill., *Cornus* L., *Corylus* L., *Crataegus* L., *Diospyros* L., *Fagus* L., *Fraxinus* L., *Hamamelis* L., *Jasminum* L., *Juglans* L., *Ligustrum* L., *Lonicera* L., *Malus* Mill., *Nerium* L., *Persea* Mill., *Populus* L., *Prunus* L., *Quercus* L., *Robinia* L., *Salix* L., *Sorbus* L., *Taxus* L., *Tilia* L., *Ulmus* L., u l-pjanti ta' *Ullucus tuberosus* Loz., huma magħrufa li jospitaw pesti ospitati komunement magħrufa li jkollhom impatt kbir ħafna fuq speċijiet ta' pjanti li għandhom importanza ekonomika, soċjali jew ambjentali maġġuri għall-Unjoni. Dawk il-pjanti huma wkoll magħrufa li komunement jospitaw il-pesti mingħajr ma juru sinjali ta' infezzjoni, jew li jkollhom perjodu qabel jibdew jidhru dawn is-sinjali. Dan inaqqas il-possibbiltà li tiġi skoperta l-preżenza ta' dawn il-pesti matul l-ispezzjonijiet imwettqa meta dawn il-pjanti jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawk il-pjanti għat-tħawwil normalment jiġu introdotti fl-Unjoni fil-forma ta' arbuxelli jew siġar u ġeneralment ikunu preżenti fl-Unjoni fit-tali forma. Fid-dawl ta' dan, il-miżuri eżistenti li jirregolaw l-introduzzjoni tal-pjanti għat-tħawwil elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u tal-pjanti tal-*Ullucus tuberosus* Loz. li ġejjin minn pajjiżi terzi mhumiex meqjusa suffiċjenti biex jipprevjenu d-dħul tal-pesti. Għalhekk il-pjanti għat-tħawwil elenkati fl-Anness I u l-pjanti tal-*Ullucus tuberosus* Loz. jenħtieġ li jiġu elenkati bħala pjanti b'riskju għoli fis-sens tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u l-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprojbit proviżorjament.

(4) Il-frott tal-*Momordica* L. huwa magħruf li jospita u jipprovdi mogħdija sinifikanti għall-introduzzjoni u għall-istabbiliment tal-pest *Thrips palmi* Karny, li huwa magħruf li għandu l-potenzjal li jkollu impatt kbir ħafna fuq l-ispeċijiet ta' pjanti li għandhom importanza ekonomika, soċjali jew ambjentali maġġuri għat-territorju tal-Unjoni. Madankollu, dan il-pest ma jinsabx fil-pajjiżi terzi kollha u lanqas ma jinsab fiż-żoni kollha fi ħdan pajjiż terz fejn huwa magħruf li jeżisti. Ċerti pajjiżi terzi għandhom ukoll miżuri effettivi ta' mitigazzjoni fis-seħħ għal dak il-pest. Fid-dawl ta' dan, il-frott tal-*Momordica* L. li joriġina minn pajjiżi terzi jew minn partijiet minnhom fejn il-pest

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

huwa magħruf li jeżisti u li m'għandhomx miżuri effettivi ta' mitigazzjoni għal dak il-pest, jikkwalifika bħala pjanta b'riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u għalhekk, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' dik il-pjanta għandha tiġi pprojbita proviżorjament.

(5) L-injam tal-*Ulmus* L. huwa magħruf li jospita u jipprovdi mogħdija sinifikanti għall-introduzzjoni u għall-istabbiliment tal-pest *Saperda tridentata* Olivier. Dak il-pest huwa magħruf li għandu impatt kbir ħafna fuq l-ispeċijiet ta' pjanti li għandhom importanza maġġuri ekonomika, soċjali jew ambjentali għat-territorju tal-Unjoni. Madankollu, dan il-pest ma jinsabx f'kull pajjiż terz, u lanqas f'ċerti żoni f'pajjiż terz fejn huwa magħruf li jeżisti. Fid-dawl ta' dan, l-injam tal-*Ulmus* L. li joriġina minn pajjiżi terzi jew minn żoni ta' pajjiżi terzi fejn is-*Saperda tridentata* Olivier huwa magħruf li jeżisti, jikkwalifika bħala prodott tal-pjanti ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031. Għalhekk, l-introduzzjoni ta' dak l-injam fl-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprojbit proviżorjament.

(6) Dawk il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti msemmija fil-premessi (3), (4) u (5) mhumiex elenkati skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/2031, jew huma elenkati biss fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi. Barra minn hekk, u skont il-valutazzjonijiet preliminari rispettivi, dawn mhumiex koperti biżżejjed bir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 41 ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-pajjiżi terzi kollha, u mhumiex soġġetti għall-miżuri temporanji tal-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament.

(7) Dawk il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti msemmija fil-premessi (3), (4) u (5) għadhom mhumiex soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju sħiħa li hija meħtieġa biex jiġi konkluż jekk dawn joħolqux riskju ta' livell inaċċettabbli minħabba l-probabbiltà li dawn jospitaw pest tal-kwarantina fl-Unjoni, jew jekk dak ir-riskju jistax jitnaqqas għal livell aċċettabbli permezz tal-applikazzjoni ta' ċerti miżuri. Meta tiġi identifikata d-domanda għall-importazzjoni ta' dawn il-pjanti u l-prodotti tal-pjanti, huma għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju li ssir skont att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 42(6) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(8) Skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2016/2031, il-Kummissjoni trid tipprevedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li pjanti oħra għajr il-pjanti inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 72(1), ikunu jeħtieġu ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

(9) Madankollu, dawk l-atti ta' implimentazzjoni jridu jipprevedu li mhuwiex meħtieġ ċertifikat fitosanitarju għal dawk il-pjanti fejn valutazzjoni li tkun ibbażata fuq evidenza dwar ir-riskji ta' pesti u esperjenza fil-kummerċ, turi li tali ċertifikat ma jkunx meħtieġ.

(10) Minn meta ġie adottat dak ir-Regolament, twettqu diversi valutazzjonijiet fir-rigward tar-riskju tal-pesti u tal-esperjenza fil-kummerċ ta' diversi pjanti, għajr pjanti għat-tħawwil, li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

(11) Skont dawk il-valutazzjonijiet, il-frott tal-*Ananas comosus* (L.) Merrill, *Cocos nucifera* L., *Durio zibethinus* Murray, *Musa* L. u *Phoenix dactylifera* L. ma jospitax pesti ta' kwarantina tal-Unjoni jew pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031, jew pesti komunement ospitati li jista' jkollhom impatt fuq speċijiet ta' pjanti mkabbra fl-Unjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' pesti marbuta mal-introduzzjoni ta' dak il-frott minn pajjiż terz wieħed jew aktar. Tul l-introduzzjoni tiegħu fit-territorju tal-Unjoni dak il-frott ma ġiex soġġett għal interċezzjonijiet ripetuti minħabba l-preżenza ta' pesti tal-kwarantina tal-Unjoni jew ta' pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament.

(12) Fid-dawl tal-fatt li dak il-frott jissodisfa l-kriterji kollha tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2016/2031, ma għandu jenħtieġ l-ebda ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni tiegħu fit-territorju tal-Unjoni.

(13) Il-listi li jridu jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 42(3) u l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2016/2031 it-tnejn jikkonċernaw ir-regoli tal-importazzjoni li huma bbażati fuq kriterji simili għall-valutazzjoni tar-riskju, kif stabbilit fl-Annessi III u VI ta' dak ir-Regolament. Dawn huma ffokati fuq ir-riskji ppreżentati mill-pjanti u mill-prodotti tal-pjanti rispettivi, minflok fuq ir-riskji ta' pesti speċifiċi. Dawn ġew elaborati b'metodoloġija komuni tal-valutazzjoni tar-riskju u għandhom jiġu aġġornati skont l-istess metodoloġija, fuq il-bażi tal-evidenza teknika u xjentifika disponibbli. Għalhekk huwa xieraq li dawn jiġu integrati f'Regolament wieħed.

(14) Minħabba li r-Regolament (UE) 2016/2031 japplika mill-14 ta' Diċembru 2019, u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-regoli kollha fir-rigward tal-introduzzjoni tal-pjanti, tal-prodotti tal-pjanti u ta' oġġetti oħra fl-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn b'riskju għoli**

Il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra elenkati fl-Anness I huma meqjusa pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli fis-sens tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, u l-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni għandha tkun ipprojbita sakemm issir valutazzjoni tar-riskju.

*Artikolu 2*

**Ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni ta' ċerti pjanti fl-Unjoni**

Għandu jkun meħtieġ ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti, għajr il-pjanti inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

Madankollu, il-frott elenkat fl-Anness II għandu jiġi eskluż minn dan ir-rekwiżit.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

**Lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra b'riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031**

1. Pjanti għat-tħawwil, għajr iż-żrieragħ, materjal *in-vitro* u pjanti tal-injam, imċekkna naturalment jew artifiċjalment, għat-tħawwil, li joriġinaw mill-pajjiżi terzi kollha u li jagħmlu parti mill-ġeneri jew mill-ispeċijiet li ġejjin:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0602 | *Acacia* Mill. |
| ex 0602 | *Acer* L. |
| ex 0602 | *Albizia* Durazz. |
| ex 0602 | *Alnus* Mill. |
| ex 0602 | *Annona* L. |
| ex 0602 | *Bauhinia* L. |
| ex 0602 | *Berberis* L. |
| ex 0602 | *Betula* L. |
| ex 0602 | *Caesalpinia* L. |
| ex 0602 | *Cassia* L. |
| ex 0602 | *Castanea* Mill. |
| ex 0602 | *Cornus* L. |
| ex 0602 | *Corylus* L. |
| ex 0602 | *Crataegus* L. |
| ex 0602 | *Diospyros* L. |
| ex 0602 | *Fagus* L. |
| ex 0602 | *Ficus carica* L. |
| ex 0602 | *Fraxinus* L. |
| ex 0602 | *Hamamelis* L. |
| ex 0602 | *Jasminum* L. |
| ex 0602 | *Juglans* L. |
| ex 0602 | *Ligustrum* L. |
| ex 0602 | *Lonicera* L. |
| ex 0602 | *Malus* Mill. |
| ex 0602 | *Nerium* L. |
| ex 0602 | *Persea* Mill. |
| ex 0602 | *Populus* L. |
| ex 0602 | *Prunus* L. |
| ex 0602 | *Quercus* L. |
| ex 0602 | *Robinia* L. |
| ex 0602 | *Salix* L. |
| ex 0602 | *Sorbus* L. |
| ex 0602 | *Taxus* L. |
| ex 0602 | *Tilia* L. |
| ex 0602 | *Ulmus* L. |

2. Pjanti tal-*Ullucus tuberosus* li ġejjin mill-pajjiżi terzi kollha.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0601 10 90<br>ex 0601 20 90<br>ex 0714 90 20 | *Ullucus tuberosus* Loz. |

3. Il-frott tal-*Momordica* L. li joriġina minn pajjiżi terzi jew minn żoni ta' pajjiżi terzi fejn *Thrips palmi* Karny huwa magħruf li jezisti u fejn hemm nuqqas ta' miżuri effettivi ta' mitigazzjoni għal dak il-pest.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0709 99 90 | *Momordica* L. |

4. Injam tal-*Ulmus* L. li joriġina minn pajjiżi terzi jew minn żoni ta' pajjiżi terzi fejn *Saperda tridentata* Olivier huwa magħruf li jeżisti.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 4403 12 00<br>ex 4401 22 00<br>ex 4401 39 00<br>ex 4403 99 00<br>ex 4407 99 | *Ulmus* L. |

*ANNESS II*

## Lista ta' frott li ma jeħtieġx ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni tiegħu fl-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2016/2031

| Il-kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0804 30 00 | *Ananas comosus* (L.) Merrill |
| ex 0801 12 00, ex 0801 19 00 | *Cocos nucifera* L. |
| ex 0810 60 00 | *Durio zibethinus* Murray |
| ex 0803 10 10, ex 0803 90 10 | *Musa* L. |
| ex 0804 10 00 | *Phoenix dactylifera* L. |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/2020

### tal-4 ta' Diċembru 2018

### li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2), ir-raba' subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill iddeċieda b'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li fir-Rumanija teżisti devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju ta' -1 % tal-PDG.

(2) Fid-dawl tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, fit-22 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni ([2]) biex ir-Rumanija tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiggarantixxi li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ([3]) ma taqbiżx it-3,3 % fl-2018 u l-5,1 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG għal kull sena. Huwa rrakkomanda wkoll li r-Rumanija tuża kull qligħ mhux mistenni għat-tnaqqis tad-defiċit, filwaqt li jenħtieġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa skadenża tal-15 ta' Ottubru 2018 biex ir-Rumanija tirrapporta dwar l-azzjoni li tkun ħadet b'reazzjoni għal dik ir-Rakkomandazzjoni.

(3) Fis-27 u t-28 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta' monitoraġġ fuq il-post skont l-Artikolu -11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Wara li s-sejbiet provviżorji ġew trażmessi lill-awtoritajiet Rumeni għall-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni rrapportat is-sejbiet tagħha lill-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2018. Dawk is-sejbiet sussegwentement saru pubbliċi. Ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonstata li l-awtoritajiet Rumeni iżommu l-mira tad-defiċit nominali tal-2018 ta' ftit inqas minn 3 % tal-PDG u għalhekk ma għandhomx l-intenzjoni li jieħdu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018. Fl-2019, il-Gvern qed jippjana li jnaqqas id-defiċit nominali għal 2,38 % tal-PDG, iżda l-miżuri għad iridu jiġu speċifikati.

(4) Fis-16 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Rumeni preżentaw rapport dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 ([4]). Fir-rapport, l-awtoritajiet tennew li l-mira tagħhom għall-2018 jibqa' defiċit nominali ta' 2,96 % tal-PDG. Għall-2019, l-awtoritajiet qed jimmiraw għal defiċit ta' 2,38 % tal-PDG. Ir-rapport ma jsemmix miżuri ġodda għall-2018. Għall-2019, ir-rapport iserraħ fqu trażżin fl-infiq fuq il-kumpens għall-impjegati u l-merkanzija u servizzi, mingħajr ma huwa appoġġjat b'miżuri suffiċjentement dettaljati u adottati jew mill-anqas imħabbra b'mod kredibbli. Fuq in-naħa tad-dħul, ir-rapport isemmi prolungament ta' miżuri diġà eżistenti u xi azzjonijiet intiżi biex tiżdied il-konformità mar-regoli tat-taxxa. B'mod ġenerali, l-impatt fiskali tal-miżuri rrappurtati ma jissodisfawx ir-rekwiżit iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018.

---

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkoreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fir-Rumanija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 3).

([3]) In-nefqa pubblika primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa pubblika totali bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni kompletament korrisposti mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezzjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fil-livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew żidiet fid-dħul mitluba mil-liġi huma meqjusa. Miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma nnettjati.

([4]) Disponibbli fis-sit http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13279-2018-INIT/en/pdf

(5) Fl-2018, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2018, it-tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett huwa mistenni jammonta għal 11,3 %, 'il fuq sew mill-parametru referenzjarju għall-infiq ta' 3,3 %. Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jibqa' stabbli b'mod ġenerali fl-2018, għal 3,3 % tal-PDG. Għalhekk, iż-żewġ pilastri jindikaw riskju ta' devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat. Il-parametru referenzjarju tal-infiq jindika devjazzjoni ta' 2,3 % tal-PDG. Il-bilanċ strutturali jikkonferma din l-interpretazzjoni, u jindika devjazzjoni iżgħar ta' 0,8 % tal-PDG. Il-bilanċ strutturali huwa milqut b'mod pożittiv minn deflatur tal-PDG ogħla b'mod sinifikanti u b'punt aktar għoli fl-istima għat-tkabbir tal-PDG potenzjali meta mqabbla mal-medja fuq terminu medju sottostanti għall-valur referenzjarju tan-nefqa. Dan huwa kkumpensat parzjalment mill-impatt ta' żieda tal-investiment pubbliku, li hija msqassma fil-parametru referenzjarju tan-nefqa. Għalhekk, il-valutazzjoni ġenerali tikkonferma d-devjazzjoni b'marġni wiesa' mill-aġġustament rakkomandat mill-Kunsill.

(6) Fl-2019, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2018, it-tkabbir nominali tan-nefqa tal-gvern, nett tal-miżuri diskrezjonarji tad-dħul u ta' darba huwa mistenni li jammonta għal 7,5 %,'il fuq sew mill-parametru referenzjarju għall-infiq ta' 5,1 % (devjazzjoni ta' 0,7 % tal-PDG mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat). Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jonqos b' 0,1 % tal-PDG, u jilħaq defiċit ta' 3,4 % (distakk ta' 0,9 % tal-PDG). Għalhekk, peress li ż-żewġ pilastri jindikaw devjazzjoni mill-aġġustament meħtieġ b'marġini simili fl-2019, il-valutazzjoni kumplessiva tikkonferma d-devjazzjoni mill-pjan ta' aġġustament rakkomandat mill-Kunsill.

(7) Aktar minn hekk, it-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa tal-2018 jipproġetta defiċit pubbliku ta' 3,3 % fl-2018 u 3,4 % fl-2019, li hu ogħla mill-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG.

(8) Is-sejbiet ta' hawn fuq iwasslu għall-konklużjoni li r-reazzjoni tar-Rumanija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 ma kinitx biżżejjed. L-isforz fiskali ma jiżgurax li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 3,3 % fl-2018 u 5,1 % fl-2019, li jikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG għal kull sena,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. LÖGER

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2021**

**tas-17 ta' Diċembru 2018**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/348 fir-rigward tal-konsistenza tal-miri reveduti fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali emendati li ppreżentaw il-Portugall u r-Rumanija**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 8489)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, l-Istati Membri jridu jadottaw pjanijiet nazzjonali jew pjanijiet għal blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), fosthom miri nazzjonali vinkolanti jew miri fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali, li jiżguraw il-konsistenza mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha. Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 jistipula wkoll li l-Kummissjoni trid tivvaluta l-konsistenza ta' dawk il-miri abbażi tal-kriterji ta' valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(6)(d) ta' dak ir-Regolament. Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 ġew stabbiliti regoli dettaljati dwar dan.

(2) Wara li vvalutat il-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/348 [3] li, fost l-oħrajn, stabbiliet li l-miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tal-Portugall u tar-Rumanija li kienu inklużi fil-pjan tal-prestazzjoni tal-FAB tal-Lbiċ u tal-FAB tad-Danubju, rispettivament, kienu konsistenti mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza (mill-2015 sal-2019).

(3) Il-Kummissjoni sussegwentement adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1782 [4] li tippermetti li jiġu reveduti l-miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-2018 u għall-2019 għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru tal-Portugall u tar-Rumanija skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013.

(4) Fuq dik il-bażi, il-Portugall u r-Rumanija rrevedew dawk il-miri u emendaw il-pjanijiet tal-prestazzjoni tagħhom kif xieraq.

(5) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB") li, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, jgħin lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, ivvaluta d-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Portugall u mir-Rumanija. Ir-rapport mill-PRB dwar il-valutazzjoni tal-miri reveduti għall-Portugall ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fl-20 ta' Settembru 2018 u ġie aġġornat fit-12 ta' Ottubru 2018.

(6) Ir-rapport mill-PRB dwar il-valutazzjoni tal-miri reveduti għar-Rumanija ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018.

---

(1) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

(2) ĠU L 128, 9.5.2013, p. 1.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/348 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar il-konsistenza ta' ċerti miri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali mressqa skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta' referenza (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 55).

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1782 tal-15 ta' Novembru 2018 li tippermetti li jiġu rreveduti l-miri għar-Rumanija u għall-Portugall fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għall-2018 u għall-2019 għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 390/2013 (ĠU L 292, 19.11.2018, p. 4).

(7) Il-Kummissjoni vvalutat dawk il-pjanijiet emendati u b'mod partikolari l-miri reveduti, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, u kkunsidrat id-dokumentazzjoni li rċeviet u r-rapporti mill-PRB. Il-konsistenza tal-miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, mogħtija fi spejjeż determinati għal kull unità *en route* jew tat-terminal, mal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha, ġiet ivvalutata skont il-prinċipji stabbiliti fil-punt 5 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 flimkien mal-punt 1 tiegħu. Il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod partikolari x-xejra tal-ispejjeż determinati għal kull unità *en route* tul it-tieni perjodu ta' referenza meta mqabbla mal-mira ta' tnaqqis ta' 3,3 % fis-sena, bħala medja, u tul il-perjodu kkombinat tal-ewwel u tat-tieni perjodu ta' referenza (mill-2012 sal-2019) meta mqabbla mal-mira ta' tnaqqis ta' 1,7 % fis-sena, bħala medja. Barra minn hekk, ikkunsidrat il-livell tal-ispejjeż determinati għal kull unità *en route* meta mqabbla ma' dawk ta' Stati Membri b'ambjent ekonomiku u operazzjonali simili.

(8) Fir-rigward tal-Portugall, il-valutazzjoni wriet li l-miri reveduti huma bbażati fuq tnaqqis ippjanat ta' 2 % fis-sena, bħala medja, tal-ispejjeż tagħha determinati għal kull unità *en route* tul it-tieni perjodu ta' referenza. Dan huwa inqas mill-mira ta' tnaqqis għall-ispejjeż medji determinati għal kull unità *en route* għall-Unjoni kollha tul dak il-perjodu. Madankollu, il-mira reveduta tal-Portugall għall-2019 hija bbażata fuq spejjeż determinati għal kull unità *en route* ppjanati li huma ferm inqas (– 30 %) mill-ispejjeż medji determinati għal kull unità *en route* ta' Stati Membri b'ambjent ekonomiku u operazzjonali simili għal dak tal-Portugall. Tul il-perjodu kkombinat tal-ewwel u tat-tieni perjodu ta' referenza, l-ispejjeż determinati għal kull unità *en route* ppjanati jonqsu b'rata ferm ogħla (– 4 %) mill-mira għall-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miri reveduti tal-Portugall għall-2018 u għall-2019 huma konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għat-tieni perjodu ta' referenza.

(9) Fir-rigward tar-Rumanija, il-valutazzjoni wriet li l-miri reveduti huma bbażati fuq tnaqqis ippjanat ta' 3,2 % fis-sena, bħala medja, tal-ispejjeż tagħha determinati għal kull unità *en route* tul it-tieni perjodu ta' referenza. Dan huwa kemm kemm inqas mill-mira ta' tnaqqis għall-ispejjeż medji determinati għal kull unità *en route* għall-Unjoni kollha tul dak il-perjodu. Il-mira reveduta tar-Rumanija għall-2019 hija bbażata fuq spejjeż determinati għal kull unità *en route* ppjanati li huma inqas (– 1,5 %) mill-ispejjeż medji determinati għal kull unità *en route* ta' Stati Membri b'ambjent ekonomiku u operazzjonali simili għal dak tar-Rumanija. Tul il-perjodu kkombinat tal-ewwel u tat-tieni perjodu ta' referenza, l-ispejjeż determinati għal kull unità *en route* ppjanati jonqsu bl-istess rata (– 1,7 %) meta mqabbla mal-mira għall-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miri reveduti tar-Rumanija għall-2018 u għall-2019 huma konsistenti mal-miri għall-Unjoni kollha fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għat-tieni perjodu ta' referenza.

(10) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/348 tiġi emendata sabiex jitqiesu l-miri reveduti tal-Portugall u tar-Rumanija.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/348 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

Violeta BULC

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*“ANNESS*

**Il-miri ta’ prestazzjoni fl-oqsma ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, tal-ambjent, tal-kapaċità u tal-kosteffiċjenza inklużi fil-pjanijiet nazzjonali jew tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ppreżentati skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004, li nstabu li huma konsistenti mal-miri ta’ prestazzjoni għall-Unjoni kollha għat-tieni perjodu ta’ referenza**

**IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA**

**L-Effettività tal-Ġestjoni tas-Sikurezza (EOSM) u l-applikazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-severità bbażata fuq il-metodoloġija tal-Għodda għall-Analiżi tar-Riskju (RAT)**

| STAT MEMBRU | FAB | EOSM | | | Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) mal-art f’perċentwali (skont ir-RAT) | | | | | | Livell kumplessiv tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) f’perċentwali (skont ir-RAT) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fil-livell tal-Istat | Fil-livell tal-ANSP | | 2017 | | | 2019 | | | 2017 | | | 2019 | | |
| | | | SC | MO ohrajn | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S |
| L-Awstrija | FAB CE | C | D | D | 94,17 | 93,33 | 80 | 100 | 100 | 100 | 80 | 80 | 80 | 80 | 80 | 100 |
| Il-Kroazja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Iċ-Ċekja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Ungerija | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Is-Slovakkja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Is-Slovenja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Irlanda | UK - IR | C | C | D | 80 | 80 | 80 | 100 | 100 | 100 | 80 | 80 | 80 | 80 | 80 | 100 |
| Ir-Renju Unit | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Belġju/il-Lussemburgu | FAB EC | C | C | D | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | 100 | 100 | 100 | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | 100 |
| Franza | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Ġermanja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| In-Netherlands | | | | | | | | | | | | | | | | |
| *[L-Iżvizzera]* | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-Polonja | Il-Baltiku | C | C | D | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | 100 | 100 | 100 | ≥ 80 | ≥ 80 | ≥ 80 | 90 | 90 | 100 |
| Il-Litwanja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ċipru | Blue Med | C | C | D | 80 | 80 | 80 | 100 | 100 | 100 | 80 | 80 | 80 | 95 | 95 | 100 |
| Il-Greċja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Italja | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Malta | | | | | | | | | | | | | | | | |

| STAT MEMBRU | FAB | EOSM | | | Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) mal-art f'perċentwali (skont ir-RAT) | | | | | | Livell kumplessiv tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) f'perċentwali (skont ir-RAT) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fil-livell tal-Istat | Fil-livell tal-ANSP | | 2017 | | | 2019 | | | 2017 | | | 2019 | | |
| | | | SC | MO oħrajn | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S | SMI | RIs | ATM-S |
| Il-Bulgarija<br>Ir-Rumanija | Id-Danubju | C | C | D | 90 | 90 | 80 | 100 | 100 | 100 | 80 | 85 | 80 | 90 | 90 | 100 |
| Id-Danimarka<br>L-Iżvezja | DK - SE | C | C | D | 80 | 80 | 80 | 100 | 100 | 100 | 80 | 80 | 80 | 80 | 80 | 100 |
| L-Estonja<br>Il-Finlandja<br>Il-Latvja<br>*[In-Norveġja]* | NEFAB | C | C | D | 95 | 95 | 85 | 100 | 100 | 100 | 90 | 90 | 85 | 100 | 100 | 100 |
| Il-Portugall<br>Spanja | SW | C | D | D | 90 | 90 | 90 | 100 | 100 | 100 | 80 | 80 | 90 | 80 | 80 | 100 |

*Abbrevjazzjonijiet:*

"SC": l-għan ta' ġestjoni tal-"kultura tas-sikurezza" kif imsemmi fil-punt 1.1.(a) tat-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013

"MO oħrajn": l-għanijiet ta' ġestjoni elenkati fil-punt 1.1.(a) tat-Taqsima 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 għajr il-"kultura tas-sikurezza"

"RIs": l-inkursjonijiet fuq ir-runway

"SMI": il-ksur tas-separazzjoni minima

"ATM-S": l-okkorrenzi speċifiċi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM)

**IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-AMBJENT**

**L-effiċjenza ta' titjira *en route* orizzontali tat-trajettorja reali**

| STAT MEMBRU | FAB | MIRA TAL-FAB B'RABTA MAL-AMBJENT (%) |
|---|---|---|
| | | 2019 |
| L-Awstrija<br>Il-Kroazja<br>Iċ-Ċekja<br>L-Ungerija<br>Is-Slovakkja<br>Is-Slovenja | FAB CE | 1,81 |

| STAT MEMBRU | FAB | MIRA TAL-FAB B'RABTA MAL-AMBJENT (%) |
|---|---|---|
| | | 2019 |
| L-Irlanda | UK - IR | 2,99 |
| Ir-Renju Unit | | |
| Il-Belġju/il-Lussemburgu | FAB EC | 2,96 |
| Franza | | |
| Il-Ġermanja | | |
| In-Netherlands | | |
| *[L-Iżvizzera]* | | |
| Il-Polonja | Il-Baltiku | 1,36 |
| Il-Litwanja | | |
| Ċipru | Blue Med | 2,45 |
| Il-Greċja | | |
| L-Italja | | |
| Malta | | |
| Il-Bulgarija | Id-Danubju | 1,37 |
| Ir-Rumanija | | |
| Id-Danimarka | DK - SE | 1,19 |
| L-Iżvezja | | |
| L-Estonja | NEFAB | 1,22 |
| Il-Finlandja | | |
| Il-Latvja | | |
| *[In-Norveġja]* | | |
| Il-Portugall | SW | 3,28 |
| Spanja | | |

**IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ**

**Id-dewmien fil-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (AFTM) *en route* f'minuti għal kull titjira**

| STAT MEMBRU | FAB | MIRA TAL-FAB B'RABTA MAL-KAPAĊITÀ *EN ROUTE* | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
| L-Irlanda | UK - IR | 0,25 | 0,26 | 0,26 | 0,26 | 0,26 |
| Ir-Renju Unit | | | | | | |
| Il-Polonja | Il-Baltiku | 0,21 | 0,21 | 0,21 | 0,22 | 0,22 |
| Il-Litwanja | | | | | | |

| STAT MEMBRU | FAB | MIRA TAL-FAB B'RABTA MAL-KAPAĊITÀ *EN ROUTE* | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
| Id-Danimarka | DK - SE | 0,10 | 0,10 | 0,10 | 0,09 | 0,09 |
| L-Iżvezja | | | | | | |
| L-Estonja | NEFAB | 0,12 | 0,12 | 0,13 | 0,13 | 0,13 |
| Il-Finlandja | | | | | | |
| Il-Latvja | | | | | | |
| *[In-Norveġja]* | | | | | | |

**IL-QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA**

Didaskalija:

| Simbolu | X'jirrappreżenta s-simbolu | Unitajiet |
|---|---|---|
| (A) | It-total tal-ispejjeż determinati *en route* | (f'termini nominali u fil-munita nazzjonali) |
| (B) | Rata tal-inflazzjoni | (%) |
| (C) | Indiċi tal-inflazzjoni | (100 = 2009) |
| (D) | It-total tal-ispejjeż determinati *en route* | (fi prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali) |
| (E) | It-total tal-unitajiet tas-servizzi en route | (f'unitajiet tas-servizzi totali (TSUs)) |
| (F) | L-ispiża ddeterminata għal kull unità (DUC) *en route* | (fi prezzijiet reali tal-2009 u fil-munita nazzjonali) |

FAB TAL-BALTIKU

**Żona tal-Imposti: Il-Litwanja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 23 316 993 | 23 342 321 | 24 186 978 | 25 093 574 | 25 748 766 |
| (B) | 1,7 % | 2,2 % | 2,5 % | 2,2 % | 2,2 % |
| (C) | 112,9 | 115,4 | 118,4 | 121,0 | 123,7 |
| (D) | 20 652 919 | 20 223 855 | 20 434 886 | 20 737 566 | 20 814 037 |
| (E) | 490 928 | 508 601 | 524 877 | 541 672 | 559 548 |
| **(F)** | **42,07** | **39,76** | **38,93** | **38,28** | **37,20** |

**Żona tal-Imposti: Il-Polonja – Munita: PLN**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 658 592 342 | 687 375 337 | 807 874 605 | 840 660 505 | 795 098 157 |
| (B) | 2,4 % | 2,5 % | 1,1 % | 1,9 % | 2,4 % |
| (C) | 115,9 | 118,7 | 111,3 | 113,4 | 116,1 |

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (D) | 568 474 758 | 578 848 069 | 725 678 008 | 741 339 221 | 685 060 982 |
| (E) | 4 362 840 | 4 544 000 | 4 299 929 | 4 419 000 | 4 560 000 |
| **(F)** | **130,30** | **127,39** | **168,77** | **167,76** | **150,23** |

BLUE MED FAB

**Żona tal-Imposti: Ċipru – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 52 708 045 | 53 598 493 | 55 916 691 | 57 610 277 | 59 360 816 |
| (B) | 1,6 % | 1,7 % | 1,7 % | 1,8 % | 2,0 % |
| (C) | 112,9 | 114,8 | 116,8 | 118,9 | 121,3 |
| (D) | 46 681 639 | 46 676 772 | 47 881 610 | 48 459 560 | 48 952 987 |
| (E) | 1 395 081 | 1 425 773 | 1 457 140 | 1 489 197 | 1 521 959 |
| **(F)** | **33,46** | **32,74** | **32,86** | **32,54** | **32,16** |

**Żona tal-Imposti: Il-Greċja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 147 841 464 | 151 226 557 | 155 317 991 | 156 939 780 | 164 629 376 |
| (B) | 0,3 % | 1,1 % | 1,2 % | 1,3 % | 1,6 % |
| (C) | 107,9 | 109,1 | 110,4 | 111,8 | 113,6 |
| (D) | 136 958 572 | 138 630 543 | 140 635 901 | 140 350 008 | 144 936 752 |
| (E) | 4 231 888 | 4 318 281 | 4 404 929 | 4 492 622 | 4 599 834 |
| **(F)** | **32,36** | **32,10** | **31,93** | **31,24** | **31,51** |

**Żona tal-Imposti: Malta – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 17 736 060 | 19 082 057 | 20 694 940 | 21 720 523 | 22 752 314 |
| (B) | 1,7 % | 1,8 % | 1,7 % | 1,7 % | 1,7 % |
| (C) | 111,9 | 114,0 | 115,9 | 117,9 | 119,9 |
| (D) | 15 844 908 | 16 745 957 | 17 857 802 | 18 429 483 | 18 982 242 |
| (E) | 609 000 | 621 000 | 880 000 | 933 000 | 990 000 |
| **(F)** | **26,02** | **26,97** | **20,29** | **19,75** | **19,17** |

FAB TAD-DANUBJU

**Żona tal-Imposti: Il-Bulgarija – Munita: BGN**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 166 771 377 | 172 805 739 | 219 350 068 | 228 283 095 | 232 773 544 |
| (B) | 0,9 % | 1,8 % | 1,1 % | 1,2 % | 1,4 % |
| (C) | 110,1 | 112,1 | 106,9 | 108,1 | 109,7 |
| (D) | 151 495 007 | 154 219 178 | 205 254 233 | 211 080 244 | 212 260 655 |
| (E) | 2 627 000 | 2 667 000 | 3 439 000 | 3 611 824 | 3 745 039 |
| **(F)** | **57,67** | **57,82** | **59,68** | **58,44** | **56,68** |

**Żona tal-Imposti: Ir-Rumanija – Munita: RON**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 690 507 397 | 704 650 329 | 718 659 958 | 848 257 273 | 859 757 273 |
| (B) | 3,1 % | 3,0 % | 2,8 % | 4,7 % | 3,1 % |
| (C) | 126,9 | 130,7 | 134,4 | 126,6 | 130,5 |
| (D) | 543 963 841 | 538 937 162 | 534 681 066 | 670 078 574 | 658 908 133 |
| (E) | 4 012 887 | 4 117 019 | 4 219 063 | 5 075 000 | 5 222 000 |
| **(F)** | **135,55** | **130,90** | **126,73** | **132,04** | **126,18** |

FAB DANIMARKA-ŻVEZJA

**Żona tal-Imposti: Id-Danimarka – Munita: DKK**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 726 872 134 | 724 495 393 | 735 983 926 | 749 032 040 | 750 157 741 |
| (B) | 1,8 % | 2,2 % | 2,2 % | 2,2 % | 2,2 % |
| (C) | 111,6 | 114,1 | 116,6 | 119,1 | 121,8 |
| (D) | 651 263 654 | 635 160 606 | 631 342 985 | 628 704 443 | 616 095 213 |
| (E) | 1 553 000 | 1 571 000 | 1 589 000 | 1 608 000 | 1 628 000 |
| **(F)** | **419,36** | **404,30** | **397,32** | **390,99** | **378,44** |

**Żona tal-Imposti: L-Iżvezja – Munita: SEK**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 1 951 544 485 | 1 974 263 091 | 1 970 314 688 | 1 964 628 986 | 1 958 887 595 |
| (B) | 1,6 % | 2,4 % | 2,1 % | 2,0 % | 2,0 % |
| (C) | 106,1 | 108,6 | 110,9 | 113,1 | 115,4 |
| (D) | 1 840 204 091 | 1 817 994 673 | 1 777 040 937 | 1 737 169 570 | 1 698 130 296 |
| (E) | 3 257 000 | 3 303 000 | 3 341 000 | 3 383 000 | 3 425 000 |
| **(F)** | **565,00** | **550,41** | **531,89** | **513,50** | **495,80** |

FAB CE

**Żona tal-Imposti: Il-Kroazja – Munita: HRK**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 670 066 531 | 687 516 987 | 691 440 691 | 687 394 177 | 674 346 800 |
| (B) | 0,2 % | 1,0 % | 1,5 % | 2,5 % | 2,5 % |
| (C) | 109,2 | 110,4 | 112,0 | 114,8 | 117,7 |
| (D) | 613 414 184 | 622 991 131 | 617 287 272 | 598 707 050 | 573 017 597 |
| (E) | 1 763 000 | 1 783 000 | 1 808 000 | 1 863 185 | 1 926 787 |
| **(F)** | **347,94** | **349,41** | **341,42** | **321,34** | **297,40** |

**Żona tal-Imposti: Iċ-Ċekja – Munita: CZK**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 3 022 287 900 | 3 087 882 700 | 3 126 037 100 | 3 149 817 800 | 3 102 014 900 |
| (B) | 1,9 % | 2,0 % | 2,0 % | 2,0 % | 2,0 % |
| (C) | 111,5 | 113,7 | 116,0 | 118,3 | 120,7 |
| (D) | 2 710 775 667 | 2 715 303 433 | 2 694 955 079 | 2 662 212 166 | 2 570 401 338 |
| (E) | 2 548 000 | 2 637 000 | 2 717 000 | 2 795 000 | 2 881 000 |
| **(F)** | **1 063,88** | **1 029,69** | **991,89** | **952,49** | **892,19** |

**Żona tal-Imposti: L-Ungerija – Munita: HUF**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 28 133 097 383 | 29 114 984 951 | 29 632 945 277 | 30 406 204 408 | 31 345 254 629 |
| (B) | 1,8 % | 3,0 % | 3,0 % | 3,0 % | 3,0 % |
| (C) | 119,3 | 122,8 | 126,5 | 130,3 | 134,2 |
| (D) | 23 587 547 923 | 23 699 795 100 | 23 418 852 735 | 23 330 056 076 | 23 350 067 982 |
| (E) | 2 457 201 | 2 364 165 | 2 413 812 | 2 453 639 | 2 512 526 |
| **(F)** | **9 599,36** | **10 024,60** | **9 702,02** | **9 508,35** | **9 293,46** |

**Żona tal-Imposti: Is-Slovenja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 32 094 283 | 33 168 798 | 33 870 218 | 34 392 801 | 35 029 005 |
| (B) | 1,6 % | 2,1 % | 1,9 % | 2,0 % | 2,0 % |
| (C) | 111,9 | 114,3 | 116,5 | 118,8 | 121,2 |
| (D) | 28 675 840 | 29 018 678 | 29 079 819 | 28 949 500 | 28 906 876 |
| (E) | 481 500 | 499 637 | 514 217 | 529 770 | 546 470 |
| **(F)** | **59,56** | **58,08** | **56,55** | **54,65** | **52,90** |

NEFAB

**Żona tal-Imposti: L-Estonja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 23 098 175 | 24 757 151 | 25 985 553 | 27 073 003 | 28 182 980 |
| (B) | 3,0 % | 3,1 % | 3,0 % | 3,0 % | 3,0 % |
| (C) | 123,3 | 127,1 | 130,9 | 134,8 | 138,9 |
| (D) | 18 739 585 | 19 481 586 | 19 852 645 | 20 081 013 | 20 295 459 |
| (E) | 774 641 | 801 575 | 827 117 | 855 350 | 885 643 |
| **(F)** | **24,19** | **24,30** | **24,00** | **23,48** | **22,92** |

**Żona tal-Imposti: Il-Finlandja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 45 050 000 | 45 596 000 | 46 064 000 | 46 321 000 | 46 468 000 |
| (B) | 1,5 % | 1,7 % | 1,9 % | 2,0 % | 2,0 % |
| (C) | 114,4 | 116,4 | 118,6 | 121,0 | 123,4 |
| (D) | 39 368 663 | 39 179 750 | 38 843 860 | 38 294 684 | 37 662 953 |
| (E) | 792 600 | 812 000 | 827 000 | 843 000 | 861 000 |
| **(F)** | **49,67** | **48,25** | **46,97** | **45,43** | **43,74** |

**Żona tal-Imposti: Il-Latvja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 22 680 662 | 23 118 000 | 23 902 000 | 24 692 818 | 25 534 000 |
| (B) | 2,5 % | 2,3 % | 2,3 % | 2,3 % | 2,3 % |
| (C) | 109,7 | 112,2 | 114,8 | 117,4 | 120,1 |
| (D) | 20 683 885 | 20 603 685 | 20 823 477 | 21 028 777 | 21 256 247 |
| (E) | 802 000 | 824 000 | 844 000 | 867 000 | 890 000 |
| **(F)** | **25,79** | **25,00** | **24,67** | **24,25** | **23,88** |

SW FAB

**Żona tal-Imposti: Portugall – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 111 331 252 | 117 112 878 | 121 117 127 | 133 551 913 | 137 314 735 |
| (B) | 1,2 % | 1,5 % | 1,5 % | 1,6 % | 1,6 % |
| (C) | 110,5 | 112,2 | 113,8 | 112,9 | 114,7 |
| (D) | 100 758 704 | 104 424 905 | 106 399 345 | 118 261 552 | 119 678 710 |
| (E) | 3 095 250 | 3 104 536 | 3 122 232 | 3 895 148 | 4 077 832 |
| **(F)** | **32,55** | **33,64** | **34,08** | **30,36** | **29,35** |

SPANJA

**Żona tal-Imposti: Spanja Kontinentali – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 620 443 569 | 622 072 583 | 622 240 962 | 625 580 952 | 627 777 294 |
| (B) | 0,8 % | 0,9 % | 1,0 % | 1,0 % | 1,1 % |
| (C) | 110,6 | 111,6 | 112,7 | 113,9 | 115,1 |
| (D) | 561 172 369 | 557 638 172 | 552 025 959 | 549 379 889 | 545 563 910 |
| (E) | 8 880 000 | 8 936 000 | 9 018 000 | 9 128 000 | 9 238 000 |
| **(F)** | **63,20** | **62,40** | **61,21** | **60,19** | **59,06** |

**Żona tal-Imposti: Il-Kanarji, Spanja – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 98 528 223 | 98 750 683 | 99 003 882 | 98 495 359 | 98 326 935 |
| (B) | 0,8 % | 0,9 % | 1,0 % | 1,0 % | 1,1 % |
| (C) | 110,6 | 111,6 | 112,7 | 113,9 | 115,1 |
| (D) | 89 115 786 | 88 522 066 | 87 832 072 | 86 497 790 | 85 450 091 |
| (E) | 1 531 000 | 1 528 000 | 1 531 000 | 1 537 000 | 1 543 000 |
| **(F)** | **58,21** | **57,93** | **57,37** | **56,28** | **55,38** |

UK-IR FAB

**Żona tal-Imposti: L-Irlanda – Munita: EUR**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 118 046 200 | 121 386 700 | 125 595 100 | 129 364 400 | 130 778 800 |
| (B) | 1,1 % | 1,2 % | 1,4 % | 1,7 % | 1,7 % |
| (C) | 103,7 | 105,0 | 106,4 | 108,2 | 110,1 |
| (D) | 113 811 728 | 115 644 664 | 118 001 964 | 119 511 684 | 118 798 780 |
| (E) | 4 000 000 | 4 049 624 | 4 113 288 | 4 184 878 | 4 262 135 |
| **(F)** | **28,45** | **28,56** | **28,69** | **28,56** | **27,87** |

**Żona tal-Imposti: Ir-Renju Unit – Munita: GBP**

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| (A) | 686 348 218 | 687 119 724 | 690 004 230 | 682 569 359 | 673 089 111 |
| (B) | 1,9 % | 1,9 % | 2,0 % | 2,0 % | 2,0 % |
| (C) | 118,2 | 120,5 | 122,9 | 125,3 | 127,8 |
| (D) | 580 582 809 | 570 397 867 | 561 561 156 | 544 617 914 | 526 523 219 |
| (E) | 10 244 000 | 10 435 000 | 10 583 000 | 10 758 000 | 10 940 000 |
| **(F)** | **56,68** | **54,66** | **53,06** | **50,62** | **48,13”** |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2022

**tas-17 ta' Diċembru 2018**

**li tfassal lista ta' esperti kwalifikati għall-Bordijiet tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 8561)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 55(3)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/796 jagħti s-setgħa lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ("l-Aġenzija") li tieħu deċiżjonijiet individwali fl-oqsma tal-awtorizzazzjoni tal-vetturi, taċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza u tal-iżgurar tal-implimentazzjoni armonizzata maġenb il-binarji tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ("ERTMS"). Jistabbilixxi wkoll il-Bordijiet tal-Appell li quddiemhom jistgħu jiġu appellati tali deċiżjonijiet individwali tal-Aġenzija.

(2) Il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal espressjonijiet ta' interess fil-25 ta' Mejju 2018 fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, bi skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet stabbilita għat-30 ta' Ġunju 2018. Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet minn 46 kandidat.

(3) Il-Kummissjoni vvalutat dawk l-applikazzjonijiet mal-kriterji speċifikati fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Dawk kienu jinkludu l-kriterji tal-eliġibbiltà, il-kriterji marbuta mal-kapaċità teknika u professjonali, ir-rekwiżiti tal-għarfien u l-kriterji għad-dixxiplini soġġetti għad-deċiżjoni tal-Aġenzija, jiġifieri l-awtorizzazzjoni tal-vetturi, iċ-ċertifikazzjoni unika tas-sikurezza u l-ERTMS. Sabiex jiġu evitati kunflitti potenzjali ta' interess, il-kandidati li ħadmu fl-Aġenzija fis-sentejn ta' qabel kienu esklużi mill-proċedura tal-għażla. Wara l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, 40 kandidat ġew magħżula bħala esperti kwalifikati għall-Bordijiet tal-Appell u tqiegħdu fuq il-lista,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta' esperti kwalifikati għall-Bordijiet tal-Appell tal-Aġenzija hija stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

*Artikolu 3*

Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport għandu jinforma lill-kandidati dwar il-kwistjoni tal-proċedura tal-għażla.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Violeta BULC
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

*ANNESS*

**LISTA TA' ESPERTI KWALIFIKATI GĦALL-BORDIJIET TAL-APPELL TAL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-FERROVIJI**

| Isem<br>(f'ordni alfabetiku) |
|---|
| Is-Sur Filip ADAMKIEWICZ |
| Is-Sur Ulrik BERGMAN |
| Is-Sur Alain BERTRAND |
| Is-Sur Denis BIASIN |
| Is-Sur Daniele BOZZOLO |
| Is-Sur Angelo Carlo CHIAPPINI |
| Is-Sinjura Monika CHRAPUSTA |
| Is-Sinjura Katarzyna CHRUZIK |
| Is-Sinjura Carole COUNE |
| Is-Sur Gilles DALMAS |
| Is-Sur Alessio GAGGELLI |
| Is-Sur Johannes GRÄBER |
| Is-Sinjura Marzena GRABOŃ-CHAŁUPCZAK |
| Is-Sur Luca Maria GRANIERI |
| Is-Sur Patrizio GRILLO |
| Is-Sur Joaquim José Martins GUERRA |
| Is-Sur Stefano GUIDI |
| Is-Sur Przemysław ILCZUK |
| Is-Sur Adam JABŁOŃSKI |
| Is-Sur Marek JABŁOŃSKI |
| Is-Sur Konstantinos KAPETANIDIS |
| Is-Sur Philippe LALUC |
| Is-Sur Dariusz LISZEWSKI |
| Is-Sinjura Joanna MARCINKOWSKA |
| Is-Sur Maciej MICHNEJ |
| Is-Sur Juha PIIRONEN |
| Is-Sur Witold PORANKIEWICZ |
| Is-Sur Frank Bernhard PTOK |
| Is-Sinjura Daniela RANDT |
| Is-Sur Renato RE |

| Isem (f'ordni alfabetiku) |
|---|
| Is-Sur Gabriele RIDOLFI |
| Is-Sinjura Friederike ROER |
| Is-Sinjura Kaisa SAINIO |
| Is-Sur Jean-Baptiste SIMONNET |
| Is-Sur Andreas THOMASCH |
| Is-Sur Ad TOET |
| Is-Sinjura Une Elina TYYNILÄ |
| Is-Sur Rob VAN DER BURG |
| Is-Sur Marcel VERSLYPE |
| Is-Sur Marcin ZALEWSKI |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/2023**

**tas-17 ta' Diċembru 2018**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 li tiddetermina, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, il-valuri ta' referenza fir-rigward tal-valuri ta' referenza għall-perjodu mit-30 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-produtturi jew għall-importaturi stabbiliti fir-Renju Unit, li qiegħdu l-idrofluworokarburi legalment fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrappurtat fil-qafas ta' dak ir-Regolament**

*(notifikata bid-dokument C(2018) 8801)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 100 tunnellata ta' ekwivalenti ta' $CO_2$ ta' idrofluworokarburi ("HFCs") fis-sena mill-produtturi jew mill-importaturi huwa soġġett għal limiti kwantitattivi sabiex jiġi żgurat it-tnaqqis gradwali tagħhom.

(2) Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, il-limiti kwantitattivi – il-kwoti – jiġu kkalkulati abbażi ta' valuri ta' referenza ddeterminati mill-Kummissjoni abbażi tal-medja annwali tal-kwantitajiet ta' HFCs li l-produtturi jew l-importaturi rrappurtaw skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 li qiegħdu legalment fis-suq mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, filwaqt li jiġu esklużi l-kwantitajiet ta' HFCs għall-użi msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 matul l-istess perjodu, abbażi tad-*data* disponibbli, b'konformità mal-Anness V ta' dak ir-Regolament.

(3) B'konformità mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, jiġu allokati kwoti ta' HFCs lill-produtturi jew lill-importaturi kif elenkat fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 ([2]) li huma stabbiliti fl-Unjoni jew lill-importaturi minn pajjiżi terzi li jaħtru rappreżentant uniku stabbilit fl-Unjoni kif elenkat fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1984.

(4) Fid-dawl tan-notifika skont l-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea mir-Renju Unit u sabiex jiġi żgurat li l-valuri ta' referenza u l-kwoti mill-produtturi u mill-importaturi stabbiliti fir-Renju Unit jirriflettu t-tqegħid tal-HFCs legalment fis-suq fl-Unjoni ta' 27 Stat Membru wara l-ħruġ tar-Renju Unit, jenħtieġ li l-valuri ta' referenza għal dawn il-kumpaniji jiġu kkalkulati mill-ġdid għall-2019 għall-perjodu wara l-ħruġ tar-Renju Unit fit-30 ta' Marzu 2019.

(5) Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sad-29 ta' Marzu 2019, jenħtieġ li l-valuri ta' referenza ddeterminati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1984 jibqgħu validi u applikabbli. Għad-determinazzjoni tal-kwoti għall-produtturi u għall-importaturi stabbiliti fir-Renju Unit, il-valuri ta' referenza għall-perjodu sad-29 ta' Marzu, inkluż dakinhar, u għall-perjodu wara dakinhar, se jiġu pponderati bin-numru ta' jiem li r-Renju Unit ikun Stat Membru tal-Unjoni fl-2019.

(6) Għall-kumpaniji stabbiliti fir-Renju Unit, il-valuri ta' referenza li jiġu kkalkulati mill-ġdid kif iddeterminat f'din id-Deċiżjoni huma bbażati fuq *data* vverifikata addizzjonali ppreżentata minn dawn il-kumpaniji lill-Kummissjoni u li tikkumplementa r-rapportar li diġà sar skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 billi ssir distinzjoni bejn l-HFCs li tqiegħdu fis-suq fir-Renju Unit u fl-Unjoni ta' 27 Stat Membru. Għall-kumpaniji li ma ppreżentawx *data* addizzjonali, jenħtieġ li wieħed jassumi li l-HFCs kollha tqiegħdu fis-suq fir-Renju Unit u jenħtieġ li ma jiġi ddeterminat l-ebda valur ta' referenza.

(7) Il-valuri ta' referenza kkalkulati mill-ġdid jiġu stabbiliti fil-każ li fit-30 ta' Marzu 2019 id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih.

---

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 tal-24 ta' Ottubru 2017 li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 għal kull produttur jew importatur li jkun legalment qiegħed fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015 (ĠU L 287, 4.11.2017, p. 4).

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-impriżi li għalihom hija indirizzata din id-Deċiżjoni u mid-data li fiha d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih, il-valur ta' referenza rispettiv fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1984 jiġi sostitwit bil-valur ta' referenza stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jew l-impriża titneħħa mill-Anness kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

| ID tal-Portal tal-Gass Fluworurat b'Effett ta' Serra | Impriża |
|---|---|
| 9401 | A-Gas (UK) Ltd<br>Banyard Road, Portbury West<br>Bristol BS20 7XH<br>United Kingdom |
| 16310 | A-Gas Electronic Materials Limited<br>Unit 3, IO Center<br>Rugby CV21 1TW<br>United Kingdom |
| 9590 | AGC Chemicals Europe<br>York House<br>Hillhouse International Thornton Cleveleys FY5 4QD<br>United Kingdom |
| 9605 | American Pacific Corporation<br>*Kif irrappreżentata minn:*<br>Envigo Consulting Limited<br>Woolley Road<br>Alconbury, Cambridgeshire PE28 4HS<br>United Kingdom |
| 13985 | Apollo Scientific Ltd<br>Whitefield Road<br>Stockport SK6 2QR<br>United Kingdom |
| 9418 | BOC Ltd UK<br>The Surrey Research Park,<br>10 Priestley Road<br>Guildford, Surrey GU2 7XY<br>United Kingdom |
| 9676 | Coulstock & Plaice Ltd<br>Questor House<br>191 Hawley Road<br>Dartford Kent DA1 1PU<br>United Kingdom |
| 9692 | Daikin Airconditioning UK Ltd<br>The Heights — Brooklands<br>Weybridge — Surrey KT13 0NY<br>United Kingdom |
| 9711 | Dean & Wood Limited<br>15 Bruntcliffe Avenue, Leeds 27 Industrial Estate<br>Morley, Leeds LS27 0LL<br>United Kingdom |
| 9761 | EUROCHEM (SE) LTDS.<br>40 Southernwood Rise<br>Folkstone, Kent CT20 3NW<br>United Kingdom |
| 9763 | Fenix Fluor Limited<br>Rocksavage Site<br>Runcorn, Cheshire WA7 4JE<br>United Kingdom |
| 9769 | Fireboy Xintex Ltd<br>10 Holton Road<br>Holton Heath Ind. EstatePoole, Dorset BH16 6LT<br>United Kingdom |
| 14063 | Firetec Systems Ltd<br>Business Centre, Molly millars Lane 6<br>Wokingham RG412QZ<br>United Kingdom |
| 9789 | Fujitsu General Limited<br>*Kif irrappreżentata minn:*<br>Fujitsu General (U.K.) CO. Limited<br>Unit 330 Centennial Park<br>Centennial Avenue<br>Elstree, Herts<br>United Kingdom |

| ID tal-Portal tal-Gass Fluworurat b'Effett ta' Serra | Impriża |
|---|---|
| 9791 | FX FIRE AND SAFETY SOLUTIONS LTD<br>Unit 3 Belvedere Business park<br>Crabtree Manorway South Belvedere Da17 6ah<br>United Kingdom |
| 9797 | Gaspack Services Limited<br>Unit H1Gellihirion Industrial Estate<br>Pontypridd CF37 5SX<br>United Kingdom |
| 16319 | General Traffic Ltd<br>Rutland Mill Adelaide Street Bolton<br>Bolton BL3 3NY<br>United Kingdom |
| 9810 | Halon and Refrigerant Services Limited<br>Factory Road, Sandycroft<br>Deeside, Clwyd, Flintshire CH5 2QJ<br>United Kingdom |
| 9545 | Harp International Limited<br>GELLIHIRION INDUSTRIAL ESTATE<br>Pontypridd, Rhondda Cynon Taff CF37 5SX<br>United Kingdom |
| 13586 | H K Wentworth Ltd<br>Coalfield Way<br>Ashby de la Zouch LE65 1JR<br>United Kingdom |
| 9829 | IDS Refrigeration Ltd<br>Green Court, Kings Weston Lane<br>Avonmouth, Bristol BS11 8AZ<br>United Kingdom |
| 9840 | J & E Hall Limited<br>Questor House, 191 Hawley Road<br>Dartford Kent DA1 1PU<br>United Kingdom |
| 9842 | J Reid Trading Limited<br>Factory Road, Sandycroft<br>Deeside, Clwyd, Flintshire CH5 2QJ<br>United Kingdom |
| 16356 | K.P.PAPWORTH & SONS<br>Hall Farm, Conington<br>Cambridge CB23 4LR<br>United Kingdom |
| 9857 | Kidde Products Ltd<br>Mathisen Way<br>ColnbrookSlough SL3 0HB<br>United Kingdom |
| 9550 | Macron Safety Systems (UK) Ltd<br>Burlingham House, Hewett Road<br>Gt Yarmouth NR31ONN<br>United Kingdom |
| 9475 | Mexichem UK Limited<br>The Heath Business & Technical Park<br>Runcorn, Cheshire WA7 4QX<br>United Kingdom |
| 9916 | Mitsubishi Electric Air Conditioning Systems Europe Ltd<br>Nettlehill Road<br>Livingston EH54 5EQ<br>United Kingdom |
| 9478 | National Refrigerants Ltd<br>6 Stanley Street<br>Liverpool L1 6AF<br>United Kingdom |
| 9967 | Refrigerant Sales Ltd<br>6 Stanley Street<br>Liverpool L1 6AF<br>United Kingdom |
| 9558 | Refrigerant Solutions Limited<br>8 Murieston Road, Hale<br>Altrincham, Cheshire WA15 9ST<br>United Kingdom |
| 9976 | RPL Holdings Limited<br>8 Murieston Road<br>Hale, Altrincham WA15 9ST<br>United Kingdom |
| 9996 | Sea-Fire Europe Ltd<br>Unity 2 Discovery Voyager Park Portfield Road<br>Portsmouth PO2 5FN<br>United Kingdom |
| 10061 | URW Refrigeration Wholesale Limited<br>15 Bruntcliffe Avenue, Leeds 27 Industrial Estate<br>Morley, Leeds LS27 0LL<br>United Kingdom |

| ID tal-Portal tal-Gass Fluworurat b'Effett ta' Serra | Impriża |
|---|---|
| 10063 | VACS Europe Limited<br>Budbrooke Point No 2<br>Budbrooke Industrial Estate<br>Budbrooke Road<br>Warwick CV34 5XH<br>United Kingdom |

| ID tal-Portal tal-Gass Fluworurat b'Effett ta' Serra | Impriża |
|---|---|
| 15946 | Waste Mixtures Limited<br>Murieston Road 8<br>Altrincham WA159ST<br>United Kingdom |

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*
Miguel ARIAS CAÑETE
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Produtturi jew importaturi 1) li għalihom jiġu sostitwiti l-valuri ta' referenza ([1]) għall-perjodu mit-30 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 u l-valuri ta' referenza rispettivi tagħhom ikkalkulati mill-ġdid jew 2) li jitneħħew.

---

([1]) Kummerċjalment sensittivi – kunfidenzjali – ma jridux jiġu ppubblikati.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT